**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Nicholas Ciappara**
**V**

**MARCO RISIOTT**

**Illum, 4 ta' April, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARCO RISIOTT** ta’ sitta w tletin sena, bin John u Carmela nee Borg, imwieled l-Imsida nhar s-sbatax ta’ Mejju, 1964 u residenti “Sylvia”, Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 262764M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-erbgha w ghoxrin ta’ Dicembru, 1997, u t-tnax il-xahar ta’ qabel din d-data,

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu naqas li jpprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli f'dawn il-Gzejjer, matul l-1997 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Talli f'dawn il-Gzejjer matul l-1997 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il- il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna/i jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Talli f'dawn il-Gzejjer matul l-1997, ipprokura, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet

li jkollhom bhala bazi din r-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex li minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tordna l-imsemmija persuna thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti kif provdut fl-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kontr'ordni tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Novembru, 2000 esibit f'dawn l-atti a fol 103 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti kif fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu u b'mod voluntarju u lix-xhieda tad-Difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu, 2001.

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li hija ghamlet *search* fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru, 1997 fuq il-persuna ta' Enzo Pulis meta kien go vettura u fuqu nstabu erba qratas fejn fihom kien hemm trab ta' kulur abjad, aktarx li kienet eroina. Instabet wkoll fuq din il-persuna s-somma ta' tlett mija u tmenin lira fi flus lokali, mobile u bicciet ta' karti li fuqhom kien hemm ismijiet w ammonti ta' flus. Illi dak il-hin Enzo Pulis kien fil-presenza ta' certu Silvio Camilleri. Illi dawn gew arrestati minnfih u mehuda fl-ufficju tal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi.

Waqt li kienu arrestati dahlet telefonata fuq dan l-istess mobile li gie elevat minn fuq Enzo Pulis fejn il-persuna li cemplet ordnat xi qratas bid-drogi. Il-Pulizija ftehmu maghha li jiltaqghu hdejn d-Day to Day Supermarket fl-Imsida u hemmhekk gew Spiridione Damato u Richard Mangion, zewg minn nies maghrufa mal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi. Illi fuq il-persuna ta' Spiridione Damato il-Pulizija sabet xi karti u fuqhom kien hemm in-numru tal-mobile phone ta' Enzo Pulis. Dawn gew arrestati w rrilaxxjaw l-istqarrijiet rispettivi.

Silvio Camilleri u Spiridione Damato ammettew li kienu marru jixtru d-droga minghand Lawrence Pulis filwaqt li Richard Mangion nnega li huwa mar jixtri u Moira Zammit ghazlet li ma tirrispondix ghad-domandi li sarulha.

Enzo Pulis ammetta li l-qratas li nstabu ghandu kienu tieghu u li kien xtrahom minghand persuna ta' kulur iswed li jafu bil-laqam Mamu u dan minn fejn City Gate, Valletta. Huwa nnega li kien jbiegh d-droga u li dakinhar li gie mwaqqaf mill-Pulizija kien flimkien ma Silvio Camilleri sabiex jmorru l-istaff party flimkien u kellhom jiltaqghu taht il-pont tal-Marsa. Fuq il-karti li nstabu ghand Enzo Pulis kien hemm diversi ismijiet ta'nies bhal Spiro, Silvio, Ivan, Stefan, kif wkoll Risiott u hdejhom ammonti ta' flus u mistoqsi jispjiega dawn il-karti, huwa qal li kienu nies li kellhom dejn mieghu.

Illi ghalhekk minnfih, il-Pulizija bdiet tinvestiga dawn in-nies fosthom lil imputat w il-Pulizija marret taghmel *search* ghandu fejn rrizulta fin-negattiv. Marco Risiott gie arestat w rrilaxxja stqarrija li giet esibita w mmarkata bhala dokument NC 1. Marco Risiott ammetta li kellu problema ta' droga u li fil-fatt kien hemm okkazzjonijiet ghal xi perjodu ta' erbgha snin, meta kien jixtri

minghand Enzo Pulis. Qallu li Enzo Pulis jahdem il-Posta bhalu fil-Hamrun Branch, li kellu mobile phone bin-numru 0947 8659, ghalkemm ghal bidu kien jcempillu fuq in-numru 097 8659. Ammetta wkoll li huwa kellu jaghti lil Enzo Pulis s-somma ta' hamsa w sittin lira matlin ghal hlas ta' droga li kien xtara min ghandu. Marco Risiott qal wkoll li kien lest li jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat.

Fit-tmintax ta' Jannar, 1998, il-Pulizija rceviet ittra minghand l-Konsulent Legali ta' Enzo Pulis fejn giet infurmata li Enzo Pulis xtaq jizvela s-sors minn fejn kien jottjeni d-droga u jiddentifika l-ispaccatur.

Ghalhekk fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar, 1998 il-Pulizija baghtet ghal Enzo Pulis u wara li gie moghti s-solita twissija, rrilaxxja stqarrija u kien qal li l-persuna li kien semma fl-istqarrija u cioe il-persuna maghrufa bil-laqam Mamu, ma tezistix u li fil-fatt kien jixtri minghand Marco Risiott.

F'din t-tieni okkazjoni Enzo Pulis irrilaxxja stqarrija ohra fejn qal li fil-fatt kien beda jiehu d-droga Cannabis billi kien jixxerjha mal-imputat izda wara certu zmien haseb li l-imputat kien qed ibghabas fid-droga u ghalhekk beda jiddilja hu direttament. Qal li kien jaf li l-imputat jottjeni d-droga minghand certu Parapettu u ghalhekk beda jmur ghandu direttament. Il-Pulizija infurmat lil Enzo Pulis li kien hemm diversi nies li kienu stqarru li kienu xtraw d-droga minghandu izda dan nonostante xorta kkonferma z-zewg stqarrijiet tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti kif jirrizulta mill-kopja tal-process verbal esibit f'dawn l-atti a fol 29 et seq tal-process.

Fis-sitta ta' Settembru, 2000 deher Enzo Pulis l-Qorti u ghazel li jaghti x-xhieda tieghu ghalkemm kellu proceduri kiminali ghaddejjin fil-konfront tieghu. Enzo Pulis stqarr li kien l-imputat odjern li kien qabbdu l-vizzju tad-droga eroina u kien ilu jiehu d-droga mal-imputat ghall-perejodu ta' hames xhur qabel ma gie arrestat u cioe nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru, 1997.

Qal li qabel huwa diga kellu l-vizzju tad-droga Cannabis pero l-imputat kien introducih ghad-droga eroina. Qal li kienu jehduha

hdejn il-Barrakka.  Fil-kontro ezami Enzo Pulis spjiega li huwa kien jahdem l-istess shift mal-imputat gewwa s-Central Mail Room.  Qal wkoll li l-persuna li kien semma fl-istqarrija tieghu u cioe Mamu, ma kienx jesizti u dehrelu li kellu jikxef il-veru persuna wara li kellem lil avukat tieghu u fil-fatt kien appuntu ghalhekk li rrilaxxja t-tieni stqarrija.

Meta Enzo Pulis gie mistoqsi x'kien qed jaghmel isem l-imputat fuq il-karti  tieghu, Enzo Pulis stqarr li kellu jiehu xi flus minghandu peress li kien sellifhomlu.  Qal li kellu jiehu zewg liri. Mistoqsi mid-Difiza jekk fil-fatt kellux jiehu hamsa w sittin lira, Enzo Pulis qal li ma jiftakarx.  Cahad wkoll li waqt li kien arrestat, cemplulu xi nies biex jixtru d-droga minghandu.  Qal wkoll li ma jiftakarx jekk kienx hemm xi nies li kellhom jaghtuh xi flus.

L-imputat ghazel li jixhed u fit-tmintax ta' Jannar, 2001 ta d-deposizzjoni tieghu fejn qal li huwa kien jixtri d-droga minghand Enzo Pulis billi kien icempillu fuq il-mobile phone tieghu kull meta kellu bzonn.  Huwa kien jixtri pakkett tal-ghaxar liri u sahansitra darba kellu dejn ta' hamsa w sittin lira.  Ikkonferma li ma kienx hu li

hajjar lil Enzo Pulis jiehu d-droga u li qatt ma hadem mieghu fis-Central Mail Room.

Id-Difiza ressqet diversi xhieda biex tikkorrabora ix-xhieda li ta l-imputat u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li taghmel apprezzament tax-xhieda meta ikun il-kaz.

Victor Sant, Executive fil-Human Resources tal-Malta Post xehed w kkonferma li l-imputat dejjem hadem s-central mail room waqt li Enzo Pulis beda xoghol mal-Posta fl-istess jum mal-imputat pero gie *posted* il-Hamrun Branch u baqa dejjem hemmhekk.

Silvio Camilleri xehed fit-tmintax ta' Jannar, 2001 u stqarr li jaf lil imputat odjern peress li kien jahdem mieghu fil-Posta. Stqarr wkoll li kien jaf lil Enzo Pulis u li sahansitra Enzo Pulis kien inqeda bih. Billi darba minnhom kienu flimkien sejrin party tal-Posta u waqt li kien ser jirkeb mieghu, gew il-Pulizija ghal fuqu hu l-ewwel qal li ma kellux droga fuqu izda wara rrizulta li kellu fil-fatt, sahansitra anke pprova jdahhal d-droga fil-but tieghu. Ikkonferma li xtara d-droga minghand Enzo Pulis pero cahad li qatt xtara minghand l-imputat.

Fil-fatt kien anke talab lil principal tieghu sabiex jaghtih *transfer* u ma jibqghax jahdem ma Enzo Pulis fl-istess *shift* ghaliex kien ta' tentazzjoni ghalih biex jkompli jiehu d-droga.

Spiridione Damato xehed wkoll u qal li huwa kellu l-vizzju tad-droga u li kien hemm okkazjoni wahda meta kien xtara minghand Enzo Pulis d-droga . Lil imputat ma jafux.

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti, dik proposta mill-imputat li qal li huwa *user* u li fil-fatt d-droga kien jixtriha minghand Enzo Pulis li qal li kien jixtri d-droga minghand l-imputat.

Il-Qorti thoss li kull kaz ghandu l-partikolaritajiet tieghu u ghalhekk huwa essenzjali li wiehed jara l-karattru ta' dak li jkun qed jixhed, jekk kellux xi kazijiet ohra qabel, jekk kellux esperjenza ta' cirkostanzi simili precedenti. Wiehed ghandu wkoll jinnota l-mod ta' kif irrisponda ghad-domandi li qed jigi nvestigat fil-proceduri li saru fil-konfront tieghu. Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma viva voce l-Qorti x-xhieda mismugha kemm mill-Prosekuzzjoni kif wkoll mid-

Difiza. Dan isir sabiex l-Qorti tkun f'posizzjoni li jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi tapplika l-ligi ghall-fatti kif jirrizultawlha, tiddecidi dwar il-htija o meno tal-imputat. Huwa importanti hafna sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'temmen jew ma temminx minn dak li jghid xhud, dwar l-imgieba tieghu, kondotta u karattru tieghu minn fuq il-pedana tax-xhieda.

Il-Qorti thoss li x-xhud principali tal-Prosekuzzjoni u cioe Enzo Pulis ma tantx kien veritier f'dak li ddepona u fil-fatt il-Qorti thoss li d-Difiza irnexxilha tipprova fuq bazi ta' probabbilita li x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ma hux kredibbli u attendibbli ghal diversi ragunijiet li l-Qorti sejra tissottolineja, zgur li x-xhud iddecieda li jaghmel t-tieni statement ghaliex ippanikkja peress li kien hemm diversi nies li kixfuh u ghalhekk haseb li setgha jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-proceduri li kienu qed jinstemghu fil-konfront tieghu quddiem Qorti ohra.

1. L-ewwel nett Enzo Pulis jsostni li huwa kien jahdem is-central mail room flimkien mal-imputat u li kien l-imputat li introducih ghad-droga. Dan mhux minnu kif fil-fatt gie ppruvat mill-Executive tal-Malta Post ghaliex Enzo Pulis qatt na hadem mal-imputat fis-central mail room, kif sostna l-imputat stess u kif gie ppruvat mix-xhieda li Silvio Camilleri ta. Enzo Pulis kellu l-problema tal-vizzju tad-droga qabel ma beda jahdem il-Posta.

2. Illi Enzo Pulis deher evasiv, incert u dubjuz meta xehed il-Qorti u ma kienx f'posizzjoni li jaghti spjiegazzjoni kredibbli ghall-allegat dejn li kellu l-imputat mieghu. Huwa fil-fatt jistqarr li nesa minn kellu jaghtih l-flus u ma jispjiegax ghal x'hiex kien dan d-dejn. Anzi jghid li l-imputat kellu jaghtih zewg liri ghaliex kienm sellifhomlu. Din ix-xhieda zgur mhiex plawsibbli molto piu meta tqis illi kien hemm diversi ismijiet ta' nies fuq il-karti misjuba ghandu mill-Pulizija b'denominazzjoni ta' flus hdejn isimhom. Meta l-imputat gie investigat a tempo vergine, stqarr li huwa kellu problema ta' droga u li kien jixtriha minghand Enzo Pulis u li fil-fatt kellu

jaghtih is-somma ta' hamsa w sittin lira. Din x-xhieda fid-dawl tac-cirkostanzi migjuba taghmel aktar sens u hija aktar probabbli li hija veritiera.

3. Il-karattru ta' Enzo Pulis huwa wiehed incert ghaliex waqt li fl-ewwel stqarrija jsemmi bhala spaccatur lil certu persuna maghruf bhala Mamu, u jaghti deskrizzjoni taghha u fejn iltaqa mieghu, fit-tieni stqarrija jghid li dan huwa kollu inveritier u li din il-persuna ma tesiztix u kien appuntu wara li tkellem mal-avukat difensur tieghu li hass li kellu jsemmi lil imputat.

4. L-imgieba tal-imputat wkoll hija dubjuza molto piu meta tqis dak li qal Silvio Camilleri li fil-gurnata meta gew arrestati u cioe nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru, 1997. Enzo Pulis ttanta jahbi d-droga li kellu fil-but tal-istess Silvio Camilleri u dan sabiex filwaqt li jiskolpa ruhu mill-htija, jitfa l-htija fuq haddiehor.

Minn naha l-ohra, l-imputat deher konsistenti f'dak li qal u x-xhieda tieghu kombacjata mal-provi prodotti tidher li hija kredibbli u l-Qorti m'ghandhix jkollha raguni sabiex ma temminix.

L-imputat gie arrestat fuq notamenti li nstabu fuq karti fil-pussess ta' Enzo Pulis.

Illi minnufih u bla tlaqliq huwa rrilaxxja stqarrija fejn ammetta il-problema mishuta tal-vizzju tad-droga li kellu u li kien jixtri d-droga minghand Enzo Pulis u dan f'diversi modalitajiet. Spjiega lil Pulizija kif ghamel biex jakkwista din d-droga u li sahansitra kellu jaghti lil Enzo Pulis s-somma ta' hamsa w sittin lira maltin ghad-droga li kien xtara. Dan l-ammont jaqbel perfettament mal-ammont ta' flus li deher hdejn ismu fuq il-karti li nstabu ghand Enzo Pulis waqt t-tfittxija posittiva li saritlu. Illi huwa ressaq bhala xhieda terzi persuni sabiex jikkolloboraw mieghu fuq il-kredibilita li ghandha tinghata lilu.

Minn ezami akkurat tal-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument NC 1 jirrizulta li l-imputat ammetta ghall-pussess ta' droga eroina ghall-perjodu li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati ta' din l-akkuza.

Dwar t-tieni akkuza u cioe pussess ta' droga Cannabis, t-tielet akkuza u cioe talli biegh u traffikar ta' droga Eroina u tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis w r-raba akkuza talli biegh, il-Qorti ma thossx li dawn gew ppruvati lanqas remotament.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a), 8(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/1939 kif emendati bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi 101.

Dwar il-piena:

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Joseph Gatt ko-ordinatur tal-Caritas. Jirrizulta mix-xhieda tieghu li l-imputat ghamel hafna sforzi sabiex jgheleb il-problema li ghandu tad-droga. Illi ghalkemm huwa m'ghamilx il-kors ta' rihabnilitazzjoni b'mod komplet, xorta attenda ghal diversi laqghat b'mod regolari u ghamel sforz sabiex jghin lilu nnifsu. L-istess xhud qal li persuna bhal imputat tkun dghajfa u jinhtieg li jkollha impjieg sabiex jghinha teghleb din il-problema stante li jkun impenjat. Illi peress li xoghol l-imputat ma jibqghax

fragili izda ikun f'posizzjoni li jsahhah il-valuri li jkun tghallem mill-Caritas.

F'dan il-kaz, il-Qorti taf li l-imputat huwa sospiz u fic-cirkostanzi partikolari thoss li ghandha taghmel rakkommandazzjoni lid-Direttur tal-Malta Post sabiex ma jkeccux lil imputat mill-impjieg u anzi jipprovaw jaghtuh l-assistenza u kuragg li ghandu bzonn.

Jirrizulta zgur mill-atti processwali li l-imputat huwa bniedem ta' principju fis-sens li ammetta sa mill-bidu nett dwar dak li ghamel li kien illegali, ghen lill Pulizija fl-investigazzjoni taghha billi sahhah l-investigazzjoni li kellha kontra terzi. Illi huwa konsistenti f'dak li jghid u ghalhekk dan zgur huwa ta' pregju u ghandu jitqies bhala fatt sabiex jsahhah r-rakkommondazjoni li l-Qorti qed taghmel lid-Direttur tieghu.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tieghu li hija wahda relattivament nadifa, salv ghal reat ta' pussess ta' droga li sehh fis-sebgha ta' April, 1992 meta kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sena.

**Fid-dawl tas-suepost il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat MARCO RISIOTT hati tal-akkuza ta' pussess ta' droga eroina u tikkundannah multa ta' erba mitt lira maltin u mhux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom. Stante c-cirkostanzi li l-imputat ilu sospiz mix-xoghol ghal zmien konsiderevoli, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghtih il-fakulta li jhallas din il-multa b'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin lira maltin bl-ewwel pagament ikun dovut fl-erbatax ta' April, 2001.**

**Rigward t-talba tal-Prosekuzzjoni li tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes involuti fil-hatra ta' esperti, minn ezami tal-process jirrizulta li ma kienx hemm esperti nominati f'dan il-kaz u ghalhekk qed tichad din t-talba.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tintbaghat lil Ufficju tal-Malta Post llum stess.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**